**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAS-27 TA' FRAR 2020**

**Kawża Numru: 6**

**Rik. Ġur. 351/2014 RGM**

**Jet Services Limited**
**(C 16337)**

**vs.**

**1. John Abela Limited**

**2. Alfaran Trailers Maintenance and Logistics Services Limited**
**(C 31341)**

## Il-Qorti:

Rat ir-**rikors maħluf tas-soċjetà John Abela Limited rappreżentata minn Olvin Galea (K.I. 100975 M)** ippreżentat fil-25 t'April, 2014 li permezz tiegħu ippremettiet u talbet is-segwenti:

1. Illi r-rikorrenti huma kumpanija li jipprovdu servizz ta' *freight forwarders,* u ghandhom diversi klijenti lokali li joperaw f'setturi differenti li jimpurtaw merkanzija minn barra pajjizna u li jinkarigaw lir-rikorrenti igibulhom l-istess merkanzija;

2. Illi r-rikorrenti jinkarigaw lill-intimati, li huma kumpanija specjalizzata fit-trasport, sabiex jittrasportaw ix-xoghol minn barra Malta ghal Malta;

3. Illi matul il-lejl tas-27 u t-28 ta' Gunju 2008, ir-rikorrenti kienet inkarigat lill-intimati sabiex dawn jittrasportaw merkanzija billi jigbru tali merkanzija minn gewwa l-ufficini tal-Kumpanija Fert Spa gewwa Milan u jittrasportawha lejn Malta;

4. Illi wara li l-intimati gabru tali merkanzija, l-intimati gew misruqa waqt li kellhom il-merkanzija fil-pussess taghhom. Illi x-xufier taghhom, certu Savio Pecanin, pparkja f'Lainate Corsa Europa, u raqad waqt li kellu l-merkanzija fil-pussess tieghu marbut maz-ziemel mekkaniku;

5. Illi r-rikorrenti ma jistghux jifhmu kif *trailer* mimli merkanzija jigi misruq waqt li x-xufier rieqed fiz-ziemel mekkaniku, u dan peress li l-istess trailer irid jinqala u jigi spostjat biex jitqabbad ma' ziemel mekkaniku iehor biex jingar, liema trailer u ziemel mekkaniku huma oggetti industrijali u ghalhekk hemm element ta' logistika operativa li trid issir, minhabba l-fatt li jezistu certa mizuri ta' sigurta`li ghandhom ikunu operativi bhal *anti-theft device*, plurita` ta' xufiera waqt vjagg, waqfien gewwa post mghammar b'*watchman* u sigurta`, u ohrajn;

6. Illi ghalkemm huwa evidenti li l-merkanzija kienet fil-pussess ta' l-intimati, l-klijenti tar-rikorrenti qeghdin izommu lill-istess rikorrenti responsabbli peress li huma kienu inkarigati ghat-trasport tal-merkanzija;

7. Illi ghalhekk diversi klijenti tar-rikorrenti interpellaw lill-istess rikorrenti, anke billi ssurogaw kumpaniji assiguratrici fid-drittijiet taghhom, sabiex jithallsu ghal valur ta' merkanzija misruqa, u gew intavolati s-segwenti kawzi kontra r-rikorrenti, *ossia* Atlas Insurance PCC Limited kif surrogata minn I.V. Portelli & Sons Ltd v Jet Services Limited 433/09 KPS, Atlas Insurance PCC Ltd kif surrogata minn Pro-Health Limited v Jet Services Limited 577/09 JPG, Atlas Insurance PCC Ltd kif surrogata minn Valletta Freight Services Shipping Limited v Jet Services Limited 202/09 CSH, Middlesea Insurance plc kif surrogata minn ECB Hotel & Catering Equipment Ltd v Jet Services Limited 608/09 AE, Middlesea Insurance plc kif surrogata minn Pharma MT Ltd v Jet Services Limited 231/09 CSH, u Petnutrition Limited v Jet Services Limited 410/08 FD;

8. Illi konsegwentement, filwaqt li numru ta' kawzi ghadhom qed jinstemghu, numru gew decizi, u ohrajn huma appellati, l-intimati huma responsabbli versu r-rikorrenti;

9. Illi l-ammonti sofferti mir-rikorrenti, u li jistghu jigu sofferti, huma kawza ta' negligenza, nuqqas ta' hsieb, traskuragni, imperizja, jew nuqqas ta' hila fl-esercizzju tal-professjoni ta' l-intimati;

10. Illi r-rikorrenti kellhom ihallsu spejjes legali minhabba l-azzjoni ta' terzi fil-konfront taghhom minhabba l-agir ta' l-intimati;

Jghidu ghalhekk l-intimati, ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex, prevja kull dikjarazzjoni opportuna u ghar-ragunijiet premessi, tiddeciedi billi:

1. Tiddikjara lill-intimati responsabbli ghas-serq tal-merkanzija;

2. Tiddikjara lill-intimati responsabbli ghal hlas tal-valur ta' l-istess merkanzija li hu mitlub lir-rikorrenti minn terzi;

3. Tiddikjara lill-intimati responsabbli ghal spejjes legali u imghax inkorsi mir-rikorrenti;

4. Tillikwida, okkorrendo bil-hatra ta' perit nominandi, l-valur tal-merkanzija misruqa, u/jew il-valur tal-merkanzija li gie mitlub lir-rikorrenti minn terzi, u l-ispejjes legali u imghax inkorsi mir-rikorrenti;

5. Tikkundanna li l-intimati ihallsu lir-rikorrenti;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk legali fil-kawzi hawn fuq dikjarati, u l-imghax ta' l-istess, kif ukoll l-imghax kontra l-intimati, li minn issa huma ingunti ghas-subizzjoni.

Rat **ir-risposta ta' Carmel Abela in rappreżentanza tas-soċjetà John Abela Limited** ippreżentata fis-27 t'Awwissu, 2014 fejn jingħad kif ġej:

1. Illi primarjament in-nullita tar-rikors promotur stante li s-socjeta rikorrenti mhux debitament rapprezentata kif rikjest mill-*Memorandum* u l-*Articles of Association* ta' l-istess socjeta attrici w ghalhekk ir-rikors promotur mhux mahluf kif trid il-ligi;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghall-kaz odjern ghandha tapplika l-Konvenzzjoni CMR kif inkorporata f'Kapitolu 486 tal-Ligijiet ta' Malta w ghalhekk l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini ta' Artikolu 32 ta' l-istess Konvenzzjoni, bit-trapass ta sena;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini ta' Artikolu 2156 ta' Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta rikorrenti m'ghandiex l-interess guridiku necessarju sabiex tivvanta l-kawza odjerna fil-konfront

tal-esponenti u dan peress li l-merkanzija in kwistjoni la kienet tappartjeni lilha, la hemm surroga favur tas-socjeta attrici u lanqas ma jidher li s-socjeta attrici gia ghamlet tajjeb ghall-merkanzija li taghha qieghda titlob il-hlas minghand l-esponenti;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, numru ta' azzjonijiet indikati mis-socjeta rikorrenti fir-rikors guramentat taghha huma llum *res judicata* stante li hemm decizjoni anke fi stadju ta' appell w ghalhekk din l-azzjoni ma tistax tirnexxi fir-rigward tal-kawzi li fihom kienet involuta s-socjeta esponenti;

6. Illi fir-rigward ta' kawza b'referenza 202/09CSH indikata mis-socjeta rikorrenti fir-rikors promotur, giet deciza fil-konfront ta terzi w ghalhekk l-azzjoni tas-socjeta attrici f'dan ir-rigward zgur li ma tistax tirnexxi fil-konfront tal-esponenti;

7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta rikorrenti ghandha tipprova li l-merkanzija li taghha qieghda titlob il-hlas kienet effettivament mghobbija fit-trailer tas-socjeta esponenti u dan stante li kienet is-socjeta rikorrenti li ghabbiet it-trailer in kwistjoni u mhux is-socjeta esponenti u peress li l-istess trailer ma kienx mghobbi taht is-sorveljanza tas-socjeta esponenti;

8. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta` esponenti mhijiex risponsabbli lejn is-socjeta attrici jew l-awturi taghha stante li anke jekk jirrizulta li huwa minnu li l-merkanzija in kwistjoni giet allegatament misruqa, dan sehh konsegwenza ta' forza magguri (*irresistible force* ossija *fortuitous event*) u/jew fatti ohra li s-socjeta esponenti ma kellhix kontrol fuqhom u wisq anqas setghet tevita, u dan ai termini ta' Artikolu 23 tal-Konvenzjoni dwar il-Kuntratt ghall-Garr Stradali Internazzjonali ta' Merkanzija (CMR), inkorporta f'Kapitolu 486 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ai termini ta' Artikoli 1134 u 1029 ta' Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-ftehim relattiv ghall-garr tal-merkanzija in kwistjoni kienet inkorporata l-Konvenzjoni CMR li f'kwalunkwe kaz tillimita r-responsabbilta tas-socjeta` esponenti u ghalhekk ir-responsabbilita tas-socjeta esponenti ma ghandhiex tissupera l-limiti imposti minn Artikolu 23 ta' l-imsemmija Konvenzjoni;

10. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha;

11. Salvi eccezzjonijiet ohra premessi mil-ligi;

Ghaldaqstant is-socjeta esponenti titlobu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgoba tichad it-talbiet attrici fil-konfront taghha, bl-ispejjez kontra l-istess.

Rat **ir-risposta ġuramentata ta' Angelino Abela (K.I. 121664M) għas-socjetà Alfaran Trailers Maintenance and Logistics Services Limited** ippreżentata fis-27 t'Awwissu, 2014 fejn jingħad kif gej:

1. Illi primarjament in-nullita tar-rikors promotur stante li s-socjeta rikorrenti mhux debitament rapprezentata kif rikjest mill-*Memorandum* u l-*Articles of Association* ta' l-istess socjeta attrici w ghalhekk ir-rikors promotur mhux mahluf kif trid il-ligi;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghall-kaz odjern ghandha tapplika l-Konvenzzjoni CMR kif inkorporata f'Kapitolu 486 tal-Ligijiet ta' Malta w ghalhekk l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini ta' Artikolu 32 ta' l-istess Konvenzzjoni, bit-trapass ta sena;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini ta' Artikolu 2156 ta' Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta rikorrenti m'ghandiex l-interess guridiku necessarju sabiex tivvanta l-kawza odjerna fil-konfront tal-esponenti u dan peress li l-merkanzija in kwistjoni la kienet tappartjeni

lilha, la hemm surroga favur tas-socjeta attrici u lanqas ma jidher li s-socjeta attrici gia ghamlet tajjeb ghall-merkanzija li taghha qieghda titlob il-hlas minghand l-esponenti;

5. Illi s-socjeta esponenti qatt ma kellha l'ebda relazzjoni guridika u jew kuntrattwali mas-socjeta rikorrenti u wisq anqas qatt giet inkarigata biex iggor xi merkanzija mis-socjeta rikorrenti u dan wara kollox kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni w anke mir-risposti intavolati mis-socjeta rikorrenti stess fil-kawzi minnha ccitati u anki mix-xhieda da parti tal-istess socjeta attrici, fejn is-socjeta esponenti ma tiffigura mkien, w ghalhekk is-socjeta esponenti ghanda tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju;

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta` esponenti mhijiex risponsabbli lejn is-socjeta attrici jew l-awturi taghha stante li anke jekk jirrizulta li huwa minnu li l-merkanzija in kwistjoni giet allegatament misruqa, dan sehh konsegwenza ta' forza magguri (*irresistible force* ossija *fortuitous event*) u/jew fatti ohra li s-socjeta esponenti ma kellhix kontrol fuqhom u wisq anqas setghet tevita, u dan ai termini ta' Artikolu 23 tal-Konvenzjoni dwar il-Kuntratt ghall-Garr Stradali Internazzjonali ta' Merkanzija (CMR), inkorporta f'Kapitolu 486 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ai termini ta' Artikoli 1134 u 1029 ta' Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-ftehim relattiv ghall-garr tal-merkanzija in kwistjoni kienet inkorporata l-Konvenzjoni CMR li f'kwalunkwe kaz tillimita r-responsabbilta tas-socjeta` esponenti u ghalhekk ir-responsabbilita tas-socjeta esponenti ma ghandhiex tissupera l-limiti imposti minn Artikolu 23 ta' l-imsemmija Konvenzjoni;

8. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha;

9. Salvi eccezzjonijiet ohra premessi mil-ligi;

Ghaldaqstant is-socjeta esponenti titlobu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgoba tichad it-talbiet attrici fil-konfront taghha, bl-ispejjez kontra l-istess.

Rat l-atti tal-kawża;

Rat il-provi kollha li tressqu fil-kors tal-kawża sew dawk quddiem din il-Qorti diversament presjeduta kif ukoll wara li f'Lulju 2018 din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif issa presjeduta;

Rat l-atti proċesswali tal-kawża fl-ismijiet Pet Nutrition House Ltd vs. Jet Services Ltd et (Ċit Nru 410/2008) deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fl-24 ta Ġunju 2015;

Rat illi waqt is-seduta tal-1 ta' Novembru 2018, il-legali tas-soċjetà John Abela Limited informa lil din il-Qorti kif preseduta "illi hemm numru ta' eċċezzjonijiet preliminari li għadhom ma ġewx deċiżi billi l-eżitu tagħhom jista' jwassal biex ma jkunx meħtieġ li jiġi investit il-mertu";

Rat illi ai termini tal-verbal tal-1 ta' Novembru 2018 u b'nota tat-12 ta' Diċembru 2018, is-soċjetà konvenuta John Abela Limited iddikjarat illi l-eċċezzjoni preliminari li kienet qed titlob li tiġi deċiża qabel kull eċċezzjoni oħra kienet dik tar-res judicata, u ċioe' l-ħames eċċezzjoni preliminari tagħha.;

Rat il-provi mressqa dwar l-imsemmija eċċezzjoni;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjetà John Abela Limited ippreżentata fil-31 ta' Lulju 2019;

Rat illi s-soċjetà rikorrenti naqset milli tressaq in-nota ta' sottomissjonijiet tagħha nonostante li ingħata l-opportunità minn din il-Qorti sabiex tressaq is-sottomissjonijiet tagħha;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza limitatament dwar il-ħames l-eċċezzjoni tar-*res judicata* imqanqla mis-soċjetà konvenuta John Abela Limited.

Ikkunsidrat

**L-Eċċezzjoni tar-Res Judicata**.

Is-soċjetà rikorrenti kienet ġiet inkarigata minn diversi kumpaniji sabiex jipprovdu s-servizz tagħhom ta' *freight forwarders*. L-istess soċjetà għaddiet biex inkarigat lill-konvenuti sabiex jittrasportaw il-merkanzija lejn Malta. Jidher li hu paċifiku bejn il-partijiet li fil-lejl tas-27 u tat-28 ta' Ġunju 2008 il-merkanzija ġiet misruqa. Diversi kumpaniji interpellaw lis-soċjetà rikorrenti anke billi ssurogaw kumpaniji assiguratriċi sabiex jitħallsu tal-valur ta' merkanzija misruqa. Kien għalhekk li s-soċjetà rikorrenti resqet din l-azzjoni sabiex tirkupra l-ħlas tal-merkanzija li hija ġiet mitluba minn terzi u/jew ġiet ikkundannata tħallas mill-Qorti.

Min-naħa tagħha, is-soċjetà John Abela Limited resqet diversi eċċezzjonijiet ta' natura preliminari fosthom li din l-azzjoni hija monka minħabba li hemm diversi deċiżjonijiet anke fi stadju ta' appell u li għalhekk illum il-ġurnata huma *res judicata*. L-eċċezzjoni numru 5 taqra hekk:

> "Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, numru ta' azzjonijiet indikati mis-socjeta rikorrenti fir-rikors guramentat taghha huma llum *res judicata* stante li hemm decizjoni anke fi stadju ta' appell w ghalhekk din l-azzjoni ma tistax tirnexxi fir-rigward tal-kawzi li fihom kienet involuta s-socjeta esponenti;"

Ikkunsidrat

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

Kif ġie diversi drabi ritenut f'għadd ta' deċiżjonijiet, l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha bħala sisien tagħha l-interess pubbliku u hija maħsuba biex tħares iċ-ċertezza tal-jeddijiet li jkunu ġew definiti f'sentenza, li tbiegħed il-possibilità ta' deċiżjonijiet li jmorru kontra xulxin u li ttemm il-possibilità ta' kwistjonijiet li jibqgħu miftuħa bi ħsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza illi tkun ingħatat. Minħabba fil-fatt li dik l-eċċezzjoni timmira li twaqqaf azzjoni li jkun altrimenti jistħoqqilha tiġi meqjusa minn qorti, l-eċċezzjoni tal-ġudikant għandha tingħata interpretazzjoni dejqa, tant li, f'każ ta' dubju, l-ġudikant għandu jaqta' kontra dik l-eċċezzjoni[1].

Tlieta huma l-elementi stabbiliti mid-duttrina kif ukoll fis-sentenzi tal-Qrati nostrani li jeħtieġ li jiġu sodisfatti sabiex l-eċċezzjoni tar-*res judicata* tiġi akkolta. Min iressaq l-eċċezzjoni tal-ġudikat irid juri illi t-talbiet mressqa mill-kontroparti :

a) **għandhom l-istess oġġett (*eadem res*);**
b) **huma dwar l-istess kawżali (*eadem causa petendi*); u**
c) **huma bejn l-istess partijiet (*eadem personae*).**

Sabiex l-eċċezzjoni tirnexxi jeħtieġ li t-tliet elementi kollha jridu jissussistu u dan peress li t-tlett elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi. Fin-nuqqas li jikkonkorri mqar wieħed mill-elementi ma jistax jingħad li l-ħaġa hija l-istess (*nisi omnia concurrunt, alia res est*).

Fis-sentenza *in parte* fl-ismijiet **Anthony Borg et vs. Anthony Francis Willoughby et**[2] mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Marzu 2003 ġie ritenut li

> "Eccezzjoni bhal din ma tinvolvi l-ebda kontestazzjoni ta' fatt izda hi wahda ta' natura prettament guridika. Huwa mportanti pero', u ghandu jinzamm dejjem in mira, illi l-principji legali nvoluti jridu jinqraw mhux

[1] Ara fost oħrajn is-sentenza fl-ismijiet **Joseph Camilleri vs. Lilian Mallia** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-5 t'Ottubru 1998.
[2] Ċit Nru: 1792/1999PS .

biss fl-isfond tal-gurisprudenza stabbilita' in materja izda fuq kollox unikament mal-fatti partikolari tal-kaz taht diskussjoni u tal-portata tas-sentenza precedenti."

Fid-dawl ta' dan l-imsenjament din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tanalizża kull element kif jirrafigura fit-talbiet mressqa mis-soċjetà rikorrenti fil-kawża odjerna u mqabbla mas-sentenzi preċedenti li għamlet referenza għalihom is-soċjetà John Abela Ltd.

- **L-istess oġġett tal-kawża (*eadem res*)**

Ghal dak illi jirrigwarda l-element ta' l-*eadem res* inghad illi din *"tinkorpora li l-oggett mitlub fit-talba l-gdida hu identiku ghat-talba precedenti li giet determinata minn sentenza li ghaddiet in gudikat."*[3]. Ingħad ukoll iżda li din l-identità ma hemmx bżonn tkun assoluta, basta li jkun hemm l-identità fuq il-punt kontrovers, jew l-oġġett fit-tieni ċitazzjoni jkun jidħol bħala parti integrali tal-oġġett aktar ampju dedotta fl-ewwel ċitazzjoni.[4] Dan ifisser li l-attur ma jkunx jista' permezz ta' kawża oħra jiftaħ it-trattazzjoni tal-istess punti fl-istess kwistjoni li diġa ġew diskussi f`kawża deċiża b'sentenza li diġa tkun għaddiet in ġudikat.[5]

A contrario sensu għalhekk sentenza li tikkostitwixxi ġudikat ma tistax timpedixxi talba ġdida milli tiġi proposta quddiem il-Qorti jekk dik hi ntiża sabiex tottjeni xi ħaġa differenti għal dak li kien ipprova jintalab b'talba preċedenti li ġiet determinata minn sentenza. Minn dan isegwi li anki jekk l-oġġett ta' talba ġdida hu simili għal dak ta' deċiżjoni preċedenti, din is-similarità mhix ostaklu għal talba ġdida, għaliex l-effetti ta' sentenza li tkun għaddiet in ġudikat huma limitati għal dak li kienu ssottomettew il-partijiet u għal dak li jkunu ddeċidew il-Qrati.

---

[3] **Rabat Construction Limited vs. Cutajar Construction Company Limited** (Ċit Nru 1209/2000RCP) deċiż mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fid-9 ta' Jannar 2002.
[4] Ara **Antonio Avela vs. Giuseppe Fenech** deċiż mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fit-28 ta` Frar 1946; u **Eugenio Borg vs. Saverio Farrugia** deċiż mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-31 ta` Marzu 1952.
[5] Ara **P.L. Roberto Tabone noe vs. Joseph Cannataci** deċiż mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fis-6 ta` Marzu 1946.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Caterina Gerada vs. Av. Dr. Antonio Caruana**[6] ġie kkunsidrat illi "*sakemm ma jkunx hemm ebda decizjoni fuq il-vera kwistjoni kontroversa, u dik il-kwistjoni ma tkunx giet prekluza minn ebda decizjoni definittiva moghtija fil-gudizzju l-istess kwistjoni tibqa` mhux deciza u ma jistax mill-parti l-ohra jinghad li ghad-decizjoni josta l-gudikat*".[7]

Sabiex issaħħaħ l-argument tagħha li jeżisti l-prinċipju tar-*res judicata*, is-soċjetà John Abela Limited għamlet referenza għal ammont sostanzjali ta' sentenzi li fihom l-istess soċjetà kienet ġiet kjamata in kawża mis-soċjetà rikorrenti u sentenzi oħra li ġew imressqa kontriha wkoll:

| **Okkju** | **Qorti u data tad-deċiżjoni** | | **Decide** |
|---|---|---|---|
| Middleasea Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet ta' Pharma MT Limited vs. Jet Services Limited et (Avviż Nru 231/2009) | Qorti tal-Maġistrati (Malta) deċiża fit-13 ta' Lulju 2011 | John Abela Limited kjamata fil-kawża | "Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tilqa' l-ewwel ecezzjoni tas-socjeta' kjamata in kawza John Abela Limited u tiddikjara li l-azzjoni reklamata mis-socjeta' attrici hija preskritta fil-konfront taghha." |
| Middleasea Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet ta' Pharma MT Limited vs. Jet Services Limited | Qorti tal-Maġistrati (Malta) deċiża fit-23 ta' Novembru 2011 | N/A | "Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma pretiza fir-rikors |

[6] Deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-7 ta` Marzu 1958.
[7] Ara wkoll **Anthony Borg et vs. Anthony Willoughby et** (Ċit Nru 1792/1999) deċiża mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-28 ta' Marzu, 2003.

| | | | |
|---|---|---|---|
| et (Avviż Nru 231/2009) | | | promotur t'ghaxart elef mitejn u hamsa w hamsin Ewro u erbgha w hamsin centezmu (€10.255.54) (cioe' s-somma ta' €9,912 + €343.54)." |
| Middleasea Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet ta' Pharma MT Limited vs. Jet Services Limited et (Appell Nru 231/2009) | Qorti tal-Appell deċiża fis-16 t'Ottubru 2012 | | Sentenza tal-Ewwel Qorti ikkonfermata |
| Petnutrition House Limited vs. Jet Services Limited (Avviż Nru 410/2008) | Qorti tal-Maġistrati (Malta) deċiża fil-25 ta' Marzu 2013 | John Abela Limited kjamata fil-kawża | "Tikkundanna lis-socjeta intimata Jet Services Limited u tas-socjeta John Abela Limited, in solidum bejniethom, sabiex ihallsu lis-socjeta rikorrenti is-somma ta' hamest elef, tmien mija u disgha u tmenin Euro u erbgha u sittin centezmu (€5,889.64) flimkien mal-ispejjez kollha kif mitluba fit-talba attrici u bl-imghax mit 12 ta' Dicembru 2008 sad-data tal-pagament effettiv." |
| Petnutrition House Limited | Qorti tal-Appell deċiża | | "Ghal dawn il-motivi il-Qorti filwaqt li tichad l- |

| | | | |
|---|---|---|---|
| vs. Jet Services Limited (Appell Nru 410/2008) | fl-24 ta' Ġunju 2015 | | ewwel aggravvju, tilqa' t-tieni wiehed imressaq mis-socjeta kjamata fil-kawza appellanti u ghalhekk tirriforma is-sentenza appellata billi tirrevokaha f'dik il-parti fejn it-talba attrici giet milqugha in solidum fil-konfront kemm tas-socjeta konventa kif ukoll dik appellanti kjamat in kawza u ghalhekk tghaddi sabiex tichad it-talba attrici fil-konfront tas-socjeta kjamata fil-kawza, izda tilqaghha unikament fil-konfront tas-socjeta konvenuta Jet Services Limited u tikkundanna lill-istess socjeta thallas lis-socjeta attrici appellata is-somma ta' €5889.64, bl-imghax dekoribbli mit-12 ta' Dicembru 2008." |
| Middleasea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha E.C.B. Hotel & | Qorti Ċivili, Prim'Awla deċiża fis-7 ta' Novembru 2012 | John Abela Limited kjamata fil-kawża | "Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi:-<br>1.Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Jet Services Limited u |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Catering Equipment Limited vs. Jet Services Ltd et (Ċit Nru 608/2009) | | | tiddikjara li Jet Services Limited hi responsabbli sabiex taghmel tajjeb ghad-danni li sofriet E.C.B. Hotel & Catering Equipment Ltd, u li ghamlet tajjeb ghalihom l-attrici li giet surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha.<br>2. Tikkonferma li s-somma dovuta hi ta' disgha u ghoxrin elf sitt mija u wiehed u tletin ewro u disgha centezmi (€29,631.09).<br>3. Tikkundanna lil Jet Services Limited sabiex thallas lill-attrici s-somma ta' disgha u ghoxrin elf sitt mija u wiehed u tletin ewro u disgha centezmi (€29,631.09), bl-imghax mid-data tan-notifika tar-rikors guramentat gialadarba ma nghatatx prova tal-ittra ufficjali li tissemma fir-rikors u n-notifika tal-istess.<br>4. Tichad l-ewwel eccezzjoni ta' John Abela |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | Limited bl-ispejjez kontra taghha.<br>5. Tilqa' t-tieni eccezzjoni ta' John Abela Limited u tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju peress li ma jirrizultax li bejnha u l-attrici kienet tezisti relazzjoni kuntrattwali." |
| Middleasea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha E.C.B. Hotel & Catering Equipment Limited vs. Jet Services Ltd et (Ċit Nru 608/2009) | Qorti tal-Appell (sede Superjuri) deċiża fis-26 ta' Mejju 2017 | | "Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tas-soċjetá konvenuta Jet Services Limited billi tiċħad l-istess u tikkonferma fis-sħiħ is-sentenza tal-ewwel Qorti, inkluz il-capo spese." |
| Atlas Insurance pcc Limited f'isimha propju u kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha I.V. Portelli & Sons Limited vs. Jet Services Limited | Tribunal għal Talbiet Żgħar deċiża fit-13 ta' Lulju 2015 | Kawża imressqa kontra John Abela Limited ukoll | "Illi ghalhekk in vista ta' dan kollu t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijet kollha u jilqa' t-talba attrici fl-ammont ta' elf erbgha' mija u tmintax-il Ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€1,418.27c) kontra z-zewg konvenuti in solidum." |

| | | | |
|---|---|---|---|
| et (Talba Nru 433/2009) | | | |
| Atlas Insurance pcc Limited f'isimha propju u kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha I.V. Portelli & Sons Limited vs. Jet Services Limited et (Appell Nru 433/2009) | Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) deċiża fis-16 ta' Marzu 2018 | | "Ghal dawn il-motivi tichad l-appelli li pproponew l-appellanti. John Abela Limited ghandha taghmel tajjeb ghall-ispejjez tal-appell li pprezentat fit-30 ta' Lulju, 2015 filwaqt li Jet Services Limited ghandha taghmel tajjeb ghall-ispejjez tal-appell li pprezentat fil-31 ta' Lulju, 2015." |
| Atlas Insurance pcc Limited f'isimha proprju u kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha Pro-Health Limited vs. Jet Services Limited et (Rik Nru 577/2009) | Qorti Ċivili, Prim'Awla deċiża fil-15 ta' Marzu 2016<br><br>**Appellata** | Kawża imressqa kontra John Abela Limited ukoll | "Ghal dawn il-mottivi, l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt li tilqa l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta John Abela Limited u tilliberaha mill-osservana tal-gudizzju, tastieni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet l-ohra tal-istess socjeta'; tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta Jet Services Limited; tilqa it-talbiet tassocjeta rikorrenti fil-konfront tas-socjeta Jet Services Limited [...]" |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Atlas Insurance PCC Limited f'isimha proprju u bhala surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Hal Mann Trading Limited vs. Valletta Freight Services Shipping Limited et (Avviż Nru 202/2009) | Qorti tal-Maġistrati (Malta) deċiża fl-4 ta' Ġunju 2014) | Kawża imressqa kontra John Abela Limited ukoll<br><br>Jet Services Limited kjamata fil-kawża | "Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda tilqa' it-talba attrici limitatament fil-konfront tas-socjeta' konvenuta Valletta Freight Services Shipping Limited u tikkundanna lil din l-istess socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-ammont mitlub minnha fir-rikors promotur fl-ammont ta' sitt elef, mitejn u erba' ewro u erbgha u disghin centezmu (€6,204.94) ghar-ragunijiet imsemmija fl-istess rikors promotur filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta John Abela Limited li m'ghandhiex locus standi f'dawn il-proceduri peress li m'ghandhiex relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici u ghalhekk qed tilliberha mill-osservanza tal-gudizzju u qieghda wkoll tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tas-socjeta' kjamata in kawza Jet |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | Services Limited u konsegwentement tiddikjara l-process ezawrit fil-konfront taghha u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu fir-rigward ta' din l-istess socjeta' kjamata in kawza Jet Services Limited." |

Jirriżulta li l-għan tal-kawżi surreferiti u għalhekk l-oġġett tat-talbiet kien wieħed u ċioe li jitħallsu d-danni **sofferti minn terzi**. Fil-każ odjern l-oġġett tat-talba huwa li jiġi dikjarat li s-soċjetajiet konvenuti, inkluż għalhekk is-soċjetà John Abela Limited, huma responsabbli għas-serq tal-merkanzija u konsegwentement talbet jiġi dikjarat li l-konvenuti huma responsabbli għal ħlas tal-valur tal-merkanzija misruqa li ġie mitlub lis-soċjetà rikorrenti minn terzi. M'humiex it-terzi li qegħdin jerġgħu jitolbu l-ħlas tad-danni iżda hija s-soċjetà li ġiet ordnata li tagħmel il-ħlas lit-terzi li **qiegħda titlob il-ħlas tad-danni li soffriet hi** b'konsegwenza tas-sentenzi surreferiti. Dan magħdud sabiex jintalab li jsir il-ħlas jeħtieġ li din il-Qorti l-ewwel teżamina minn kien responsabbli tas-serqa fis-sens jekk din is-serqa setgħatx tiġi evitata.

Għalkemm f'uħud mis-sentenzi surreferi setgħu saru xi kunsiderazzjonijiet mill-Qrati dwar ir-responsabbiltà li setgħa kellha s-soċjetà John Abela Limited, ma ingħatat l-ebda deċiżjoni fuq dan il-mertu ad esklużjoni tas-sentenza Atlas Insurance pcc Limited f'isimha propju u kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata tagħha I.V. Portelli & Sons Limited vs. Jet Services Limited et fejn it-Tribunal tat-Talbiet Żgħar, kif ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell, instab li kemm Jet Services Limited kif ukoll John Abela Limited kienu responsabbli għad-danni sofferti minn terzi[8].

[8] "Illi ghalhekk kemm John Abela Limited u kif ukoll Jet Services Limited li nkarigata ma jistghux issa jiprrevalu ruhhom mill-eskluzzjoni ta' responsabilita` u/jew limitazzjoni kontemplata flartikoli aditi tal-Konvenzjoni." – paġna 198 tal-proċess.

Għaldaqstant għalkemm l-element ta' *eadem res* jippersisti fis-sentenza Atlas Insurance pcc Limited f'isimha propju u kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata tagħha I.V. Portelli & Sons Limited vs. Jet Services Limited et mhux l-istess jista' jingħad għal kumplament tas-sentenzi.

- **L-istess kawżali (*eadem causa petendi*)**

Għar-rigward tal-*eadem causa petendi,* din il-kondizzjoni tirrikjedi li *"the cause of the claim"* kontenuta fit-talba l-ġdida, tkun l-istess bħat-talba preċedenti u li ġiet deċiża minn sentenza li għaddiet in ġudikat. Għalhekk, din hija t-titlu, ċioe', il-fatt ġuridiku li fuqu d-dritt pretiż hu bbażat. Sabiex il-kundizzjoni ta' l-*eadem causa petendi* tirnexxi, irid jiġi ppruvat li l-kawżali kontenuti fit-talba l-ġdida hi fondata fuq l-istess fatt ġuridiku li kien jifforma l-bażi tat-talba preċedenti, li ġiet determinata b'sentenza li għaddiet in ġudikat.

Huwa tassew ovvju li l-eċċezzjoni tal-ġudikat tintrabat ma' l-eżistenza ta' sentenza; il-kwestjoni hija jekk tintrabatx biss mal-parti dispożittiva tagħha (fil-kliem strettament użati mill-ġudikant fl-ewwel sentenza) jew inkella jekk tintrabatx ukoll mal-konsiderazzjonijiet jew motivazzjonijiet li jsiru u li jwasslu għal dik is-sentenza. Għal din il-mistoqsija ingħad li l-kwestjoni li dwarha titressaq l-eċċezzjoni tal-ġudikat jeħtieġ li, fil-fatt, tkun ġiet effettivament deċiża fl-ewwel sentenza u mhux biss setgħet ġiet deċiża[9]. Għaldaqstant id-dispożittiv ta' sentenza m'għandux jittieħed separatament mill-motivat, imma għandu jiġi minn dan definit u spjegat[10].

Huwa minnu li s-sentenzi kollha surreferiti jikkonċernaw is-serqa tat-*trailer* bil-merkanzija u għalhekk jagħti l-impressjoni li t-talba l-ġdida hi fondata fuq

[9] Ara **Caterina Gerada vs. Av. Dr. Antonio Caruana** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-7 ta` Marzu 1958.
[10] Ara **Lino Testaferrata Bonnici vs. Josephine Testaferrata Bonnici** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fit-**12 ta' Mejju 1958.**

l-istess fatt ġuridiku li kien jifforma l-bażi tat-talba preċedenti. Jeħtieġ li jiġi eżaminat jekk il-Qrati iddeċidewx diġà fuq dak li qiegħed jintalab fil-proċeduri odjerni u ċioe li s-soċjetajiet konvenuti inkluż għalhekk is-soċjetà John Abela Limited humiex responsabbli għas-serq tal-merkanzija u jekk ir-risposta għal din hija fl-affermattiv, il-Qorti għandha tiddikjara li l-konvenuti huma responsabbli għad-danni sofferti minn Jet Services Limited.

Kif ġie diġà ritenut, kien biss f'każ wieħed li ġiet ikkunsidrata l-kwistjoni ta' responsabbiltà għas-serqa. Minn qari akkurat tal-kumplament tas-sentenzi, jidher li l-Qrati ibbażaw il-kunsiderazzjoni tagħhom fuq ir-relazzjoni kuntrattwali li kien hemm bejn is-soċjetà Jet Services Limited u t-terzi kumpaniji iżda ma kkunsidrawx ir-relazzjoni kuntrattwali bejn is-soċjetà Jet Services Limited u l-kumpanija John Abela Limited. Kif ingħad fil-maġġoranza ta' dawk is-sentenzi r-relazzjoni kuntrattwali in eżami f'dawk is-sentenzi kienet bejn Jet Services Limited u terzi u kien għalhekk biss li John Abela Limited ġie liberat mill-osservanza tal-ġudizzju. In oltre dak li ġie kkunsidrat ukoll huma d-danni li soffrew it-terzi u mhux danni li sofriet is-soċjetà rikorrenti. Salv għas-sentenza fl-ismijiet Atlas Insurance pcc Limited f'isimha propju u kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata tagħha I.V. Portelli & Sons Limited vs. Jet Services Limited et dan l-element ukoll huwa nieqes inkluż fis-sentenza Middleasea Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet ta' Pharma MT Limited vs. Jet Services Limited et u dan għaliex għalkemm huwa minnu li hemm sentenza ta' preskrizzjoni, il-preskrizzjoni hija fil-konfront tas-soċjetà assiguratriċi u mhux fil-konfront tas-soċjetà rikorrenti.

- **L-istess partijiet (*eadem personae*)**

L-aħħar element li jeħtieġ li jiġi mistħarreġ huwa l-element tal-*eadem personae* li evidentement jirrikjedi l-preżenza tal-istess persuni in ġudizzju. Il-Qorti tal-Appell (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **Igino Trapani Galea Feriol et vs. Jane mart Jimmy Agius et** deċiża fit-2 ta' Lulju 1996 irriteniet 'Dan ma kienx ifisser li l-istess promoturi ta' l-istess procedura setghu jipproponu

mill-gdid kawza identika bl-inseriment ta' persuna' u dan wara li r-rikorrenti kienu pproponew kawza antecedentement fuq l-istess premessi minghajr success, fejn ma kienx hemm, bhala parti, r-ragel ta' wahda mir-rikorrenti li pero' kien parti fit-tieni rikors. Il-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Diċembru 2006 fil-kawża **Alfred u Alice konjuġi Brown vs. Androxa Furnitrue Limited** (Ċit Nru 1866/2004) kwotat 'sentenza riportata a **Vol. XLIX P II p 1051**, "kieku kellu jigi segwit ragonament divers, fil-fehma tal-Qorti, kien ikun wisq facli illi wiehed jevita l-effetti tal-gudikat bis-semplici espedjent illi huwa jirriproponi kawza gja deciza billi jzid konvenut iehor".'

Fid-deċiżjoni **Innocenza Debattista et vs. Giovanni Farrugia**[11] din il-Qorti diversament preseduta qalet li "biex ikun hemm il-gudikat, jehtieg […] li s-sentenza ta' qabel kienet giet maqtugha f'kawza bejn l-istess persuni". Dan huwa element bażilari, u dan għaliex huma l-istess persuni li l-ġudikat jagħmel stat bejn l-istess partijiet.

Applikati dawn il-prinċipji għal każ taħt konsiderazzjoni jirriżulta li dan l-element huwa nieqes u dan għaliex il-parti li resqet il-proċeduri su-indikati huma terzi u mhux waħda mill-partijiet f'din il-kawża. Di piu, it-talbiet fil-kawżi elenkati aktar 'l fuq ma ġewx imressqa mis-soċjetà John Abela Limited jew mis-soċjetà rikorrenti fil-konfront tal-parti l-oħra. Ma jreġġix l-argument tas-soċjetà John Abela Limited li s-soċjetà rikorrenti fil-proċeduri odjerni "qiegħda tilbes iż-żarbun tal-atturi fil-kawża preċedenti"[12] u dan peress li ma nġabet l-ebda prova ta' surroga jew ċessjoni a favur tas-soċjetà rikorrenti.

[11] Deċiża fit-13 ta' Frar 1958.
[12] Paġna 250 tal-proċess.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-ħames eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta John Abela Limited dwar ir-*res judicata* billi tiċħadha u tordna l-prosegwiment tal-kawża..

Spejjeż ta' din is-sentenza in parte a karigu tas-soċjetà konvenuta John Abela Limited.

Moqrija

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**

**Lydia Ellul**

**Deputat Reġistratur**